# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar il-Hamis 23 ta' Lulju 2020

**Rikors Numru : 472/2019 JPG**

**Kawza Numru : 10**

**SA**

**Vs**

**JC**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' SA datat 17 ta' Ottubru 2019, a fol 1 et seqq. tal-proċess, li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet iżżewwġu nhar it-2 ta' April 2009 u miż-żwieġ tagħhom ma kienx hemm ulied;*

2. *Illi l-partijiet isseparaw definittivament permezz ta' kuntratt pubbliku in atti tan-Nutar Joseph Debono tat-30 ta' Marzu 2012 (Dok A anness)*

3. *Illi skond klawsola tlieta (3) tal-imsemmi kuntratt, ir-raġel kien irrinunzja mid-dritt tiegħu li jitlob u jottjeni manteniment mingħand martu, filwaqt li l-esponenti kienet iddekadiet mid-dritt tagħha li titlob għall-istess;*

4. *Illi bejn il-partijiet ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni, anke l-għaliex illum huma għandhom ħajja totalment separata minn xulxin;*

5. *Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kondizzjonijiet rikjesti mil-liġi għall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66 B tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Għaldaqstant, l-esponenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet ai termini tal-artikolu 66 B tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. *Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fi żmien li l-istess Onorabbli Qorti jogħġobha timponi huwa jinforma lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet sabiex dan tal-aħħar jirreġistra l-istess fiċ-ċertifikat taż-żwieġ tal-partijiet.*

*U dana taħt kull provvediment ieħor li l-istess jidhrilha li hu xieraq u opportun.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi permezz tal-proċeduri ta' affissjoni u l-pubblikazzjoni ;

Rat illi l-intimat ghalkemm notifikat ma ntavola ebda risposta u ma deherx. Ghalhekk huwa kontumaci;

Semghet ix-xhieda bl-affidavit;

Rat l-fakolta moghtija lill-intimat sabiex jippresenta s-sottomissjonijiet tieghu ai termini tal-Artikolu 158(10) Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi minkejja dan, l-intimat baqa' inadempjenti;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

**SA** xehdet permezz ta affidavit (fol 34 tal-proċess) illi hija izzewwġet lil JC fit-2 ta' April 2009 u li minn dan iż-żwieġ ma twieldux tfal. Illi huma isseparaw bonarjament quddiem in-Nutar Joseph

Debono fit-30 ta' Marzu 2012. Illi obbligu ta' manteniment bejn il-partijiet ma kienx hemm. Illi minn dak in-nhar tas-separazzjoni, il-partijiet qatt ma reġgħu iltaqgħu u ma hemm ebda prospett ta' rikonċiljazzjoni stante li hija bniet familja ma' ħaddieħor.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-2 ta' April 2009 (Vide fol 12) u li minn dan iz-zwieg huma ma kellhomx ulied.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Joseph Debono, datat 30 ta' Marzu 2012 (vide Dok. A fol 4 et seqq.) u ghalhekk ilhom legalment separati ghal aktar mill-erba' snin rikjesti mill-ligi.

Jirrizulta ukoll illi ma hemm l-ebda obbligu ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti tqis di piu' illi ma taf b'ebda eccezzjoni li kellha tigi sollevata ex officio.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sodisfacentement pruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi l-attriċi irnexxielha tissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**